MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 90/2010

**Michael Attard Limited**
**(C – 32362)**

**vs**

**Raymond Mifsud (I.D. 201965M) u**
**Executive Booking Office Limited (C - 39705**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet lil dan it-Tribunal sabiex il-konvenuti jhallsu s-somma ta' elfejn, mitejn u hmistax-il ewro u sittax-il centezmu (€2,215.16), rapprezentanti *import* ta' disa' (9) kambjali skaduti, accettati u ffirmati mill-intimati.

Bl-ispejjes u l-imghax ulterjuri mid-data ta' l-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta' cessjoni da parti tas-socjeta' attrici, stante f'dak li jirrigwarda s-sorte u dan peress li l-konvenuti kienu hallsu.

Pero', is-socjeta' attrici zammet ferm in kwantu jirrigwarda l-ispejjes.

Il-konvenuti baqghu kontumacja u ghalhekk minghajr bazi ta' provi sabiex jiggustifikaw ghaliex m'ghandhomx ibatu l-ispejjes, dan it-Tribunal ghandu jikkonferma t-talba tas-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici in kwantu jirrigwarda l-ispejjes tal-kawza u jordna lill-konvenuti jhallsu dawn l-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------